Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/766

16.4.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/766

tat-8 ta' April 2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* u mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu rispettivament, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. Dan japplika mill-20 ta' April 2021 u jistabbilixxi l-miżuri tranżizzjonali biex ikopri r-regoli tal-Unjoni mħassra u sostitwiti minnu. F'dak ir-rigward, l-Artikolu 270(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 iħassar, *inter alia*, ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi, u l-Artikolu 277 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li r-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandu jkompli japplika sal-21 ta' April 2026 fir-rigward tal-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi, minflok il-Parti VI tar-Regolament (UE) 2016/429.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 ([3]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 ([4]) ġew adottati abbażi tar-Regolament (UE) Nru 576/2013. Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/772 jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* fil-klieb maħsuba għall-movimenti mhux kummerċjali fit-territorju jew f'partijiet mit-territorju ta' ċerti Stati Membri, inkluż r-regoli għall-kategorizzazzjoni tal-Istati Membri, sabiex jiġi evitat li l-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* tinfirex lejn partijiet tal-Unjoni li huma uffiċjalment rikonoxxuti bħala ħielsa minn dik il-marda. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878 jelenka l-Istati Membri, jew il-partijiet tat-territorju tal-Istati Membri, li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2018/772 dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* fil-klieb.

(3) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli speċifiċi għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard elenkat, iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt 18, tiegħu u msemmi fl-Artikolu 5(1) tiegħu, u jispeċifika kif dawk ir-regoli jridu jiġu applikati għall-kategoriji differenti tal-mard elenkat. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi wkoll l-approvazzjoni

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/576/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1152/2011 (ĠU L 130, 28.5.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/772/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 tat-18 ta' Ġunju 2018 li jadotta l-lista tal-Istati Membri, jew partijiet tat-territorju tal-Istati Membri, li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠU L 155, 19.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/878/oj).

jew l-irtirar mill-Kummissjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-Istati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom rigward ċertu mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tiegħu. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu l-programmi tal-eradikazzjoni obbligatorji għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (b), tiegħu u l-programmi tal-eradikazzjoni fakultattivi għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (c), tiegħu, u li l-Kummissjoni tapprova dawn il-programmi.

(4) L-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* hija marda elenkata u, f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, hija marda ta' rilevanza għal xi Stati Membri, li għaliha huma meħtieġa miżuri tas-saħħa tal-annimali biex jiġi evitat li tinxtered lejn partijiet tal-Unjoni li huma uffiċjalment ħielsa minn dik il-marda.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([5]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429, u jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti, għaż-żamma, għas-sospensjoni u għall-irtirar tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom, u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-programmi tal-eradikazzjoni għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom.

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 reċentement ġie emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/134 ([6]) biex jipprovdi regoli dettaljati dwar is-sorveljanza, inklużi l-metodi dijanjostiċi, u dwar ir-rekwiżiti speċifiċi għall-mard għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-*Echinococcus multilocularis* u għaż-żamma ta' tali status ta' ħelsien mill-mard.

(7) Barra minn hekk, l-Artikolu 84 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, kif emendat bir-Regolament Delegat (UE) 2026/134, jistabbilixxi l-miżuri għaż-żamma tal-istatus ta' ħelsien mill-mard eżistenti fir-rigward tal-mard tal-annimali elenkat, inkluż għall-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* b'referenza għall-Istati Membri u ż-żoni tagħhom bi status approvat ta' ħelsien minn dik il-marda elenkata mogħti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 576/2013. Peress li ċerti Stati Membri ġew rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa minn infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* u ġew elenkati kif xieraq fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878, jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll li l-Istati Membri u ż-żoni tagħhom bi status approvat ta' ħelsien mill-mard qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/689 jitqiesu li għandhom status ta' ħelsien mill-mard approvat f'konformità ma' dak ir-Regolament.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 ([7]) jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-mard elenkat, imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, tal-annimali, fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, u l-approvazzjoni tal-programmi tal-eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat. B'mod partikolari, dan jelenka fl-Annessi tiegħu l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom bl-istatus approvat ta' ħelsien mill-mard, u bil-programmi tal-eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi approvati eżistenti. Minħabba l-emendi reċenti tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 bir-Regolament Delegat (UE) 2026/134 fir-rigward tar-regoli dwar l-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis*, jixraq li jiddaħħal Artikolu 19a ġdid fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 dwar l-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis*, u Anness XIX ġdid li jelenka l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis*, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/689/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/134 tal-20 ta' Jannar 2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza u għall-istatus ta' ħelsien mill-mard minn infestazzjoni ta' *Echinococcus multilocularis* (ĠU L, 2026/134, 27.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/134/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tal-15 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/620/oj).

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jiġi emendat kif xieraq.

(10) Peress li l-emendi li saru lir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 bir-Regolament Delegat (UE) 2026/134 japplikaw mit-22 ta' April 2026, l-emendi li saru lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 b'dan ir-Regolament dwar l-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* jenħtieġ li japplikaw ukoll minn dik id-data.

(11) Barra minn hekk, peress li l-listi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878 qed jiġu sostitwiti bil-listi stabbiliti fl-Anness XIX il-ġdid tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, minħabba l-emendi li saru b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878 jitħassar.

(12) Barra minn hekk, l-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jipprevedi li l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness VIII ta' dak ir-Regolament. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/293 ([8]) emenda t-tabella stabbilita fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, billi elenka diversi żoni fil-Polonja bħala żoni mingħajr status ta' ħelsien mill-mard fir-rigward tal-infezzjoni bil-BTV. Madankollu, issa nstab żball peress li dawn iż-żoni għadhom jikkonformaw mal-kriterji biex jinżamm l-istatus ta' ħelsien mill-mard fir-rigward tal-infezzjoni bil-BTV. Għalhekk jeħtieġ li l-entrata għall-Polonja fil-Parti I tal-Anness VIII tiġi kkoreġuta kif xieraq. Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jenħtieġ li jiġi kkoreġut kif xieraq.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:

"*Artikolu 19a*

Infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis*

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* għandhom jiġu elenkati fl-Anness XIX.";

(2) jiżdied Anness XIX ġdid f'konformità mal-Parti A tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620

Il-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huwa kkoreġut f'konformità mal-Parti B tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Tħassir tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 jitħassar.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/293 tad-9 ta' Frar 2026 li jemenda l-Annessi I sa IV, VII, VIII, XI u XIII u li jikkoreġi l-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 fir-rigward tal-approvazzjoni jew tal-irtirar tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' ċerti Stati Membri, żoni jew kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat u l-approvazzjoni tal-programmi tal-eradikazzjoni għal ċertu mard elenkat (ĠU L, 2026/293, 10.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/293/oj).

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1 u 3 għandhom japplikaw mit-22 ta' April 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

PARTI A

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620

Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jiżdied l-Anness XIX li ġej:

"*ANNESS XIX*

INFESTAZZJONI BL-*ECHINOCOCCUS MULTILOCULARIS*

PARTI I

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, il-Parti V, it-Taqsima 2, il-punt (1), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689

Stat Membru	Territorju
Malta	It-territorju kollu

PARTI II

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, il-Parti V, it-Taqsima 2, il-punt (2), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689

Stat Membru (*)	Territorju
Il-Finlandja	It-territorju kollu
L-Irlanda	It-territorju kollu
Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	L-Irlanda ta' Fuq

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq."

PARTI B

Korrezzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620

Fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, l-entrata għall-Polonja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Polonja	It-territorju kollu tal-Polonja ħlief: województwo dolnośląskie; województwo kujawsko-pomorskie; województwo lubuskie; województwo łódzkie; województwo opolskie; województwo pomorskie; województwo śląskie; województwo warmińsko-mazurskie; województwo wielkopolskie; województwo zachodniopomorskie;

	w województwie małopolskim: powiat chrzanowski, powiat olkuski, powiat oświęcimski, w województwie mazowieckim: powiat ciechanowski, powiat gostyniński, powiat makowski, powiat mławski, powiat ostrołęcki, miasto na prawach powiatu Ostrołęka, powiat płocki, miasto na prawach powiatu Płock, powiat przasnyski, powiat pułtuski, powiat sierpecki, powiat żuromiński, w powiecie nowodworskim: gmina Nasielsk, w powiecie ostrowskim: gmina Andrzejewo, gmina Ostrów Mazowiecka, miasto Ostrów Mazowiecka, gmina Stary Lubotyń, gmina Wąsewo, w powiecie płońskim: gmina Baboszewo, gmina Czerwińsk nad Wisłą, gmina Dzierzążnia, gmina Joniec, gmina Naruszewo, gmina Nowe Miasto, gmina Płońsk, miasto Płońsk, gmina Raciąż, miasto Raciąż, gmina Sochocin, w powiecie sochaczewskim: gmina Brochów, gmina Iłów, gmina Młodzieszyn, gmina Nowa Sucha, gmina Rybno, gmina Sochaczew, miasto Sochaczew, w powiecie wyszkowskim: gmina Długosiodło, gmina Rząśnik, gmina Somianka; w województwie podlaskim: powiat augustowski, powiat białostocki, miasto na prawach powiatu Białystok, powiat grajewski, powiat kolneński, powiat łomżyński, miasto na prawach powiatu Łomża, powiat moniecki, powiat sejneński, powiat sokólski, powiat suwalski, miasto na prawach powiatu Suwałki, powiat zambrowski, w powiecie wysokomazowieckim: gmina Czyżew, gmina Kobylin-Borzymy, gmina Kulesze Kościelne, gmina Nowe Piekuty, gmina Sokoły, gmina Szepietowo, gmina Wysokie Mazowieckie, miasto Wysokie Mazowieckie.”